**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorta ta' Gudikatura Kriminali**

**Diff: 04/12/2019**
**Mag. Dr. C.Farrugia Frendo LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Seduta Hamrun)**

**Vs.**

[redacted]

**Rikors ta`** [redacted]
**Jesponi bir-rispett:**

Illi fis-seduta tal-25 ta' Gunju l-esponenti naqset li tidher, u dan bl-ebda nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti izda biss ghar-ragunijiet hawn taht premessi.

Illi minhabba in-nuqqas li tidher fis-seduta l-esponenti giet misjuba hatja ta' disprezz lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti kif ukoll hareg mandat ta' arrest fil-konfront taghha.

Illi l-avukat tal-fiducja taghha hawn sottoskritt, fl-ahhar seduta kien infurmat illi s-seduta li jmiss kellha tkun fil-25 ta' Gunju u in effetti fl-anticipazzjoni ghall din is-seduta, l-esponenta tramite il- konsulent legali taghha ordnat il- process kollhu sabiex ikunu jistghu isiru il-kontro ezami tax xhieda li kienet taf illi huma mharrka.

Illi minn verifiki ulterjuri, fl-ahhar seduta l-esponenti inghatat l-annessa tahrika li filfatt tindika li s-seduta li jmiss kellha tkun fi-28 ta' Gunju 2019

Illi l-esponenti tixtieq tirrileva li hija kienet ser tattendi ghas-seduta li jmiss fid-data indikata fit-tahrika.

Ghaldaqstant l-esponent titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet taghha tal-25 ta` Gunju 2019 fejn giet ordnat il-hrug tal-mandat ta` arrest u fejn ikkundannata thallas multa fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

**Dr. Roberta Bonello LL.D**

*6, The Promise, Triq l-Ortolan, Mosta*